**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**11 ta' Ġunju, 2023**

# IL-KORPUS

**DAN IL-ĦADD GĦANDNA L-PURĊISSJONI.**



F'dan il-Ħadd li qegħdin fih qed niċċelebraw il-festa tal-*Corpus*.

Din hija festa li tagħti ġieħ lil Ġesù Ewkaristija. Se jkollna l-quddiesa tat-8:30am li għaliha qed nistiednu wkoll lit-tfal li ftit jiem ilu għamlu l-Ewwel Tqarbina.



IL-PURĊISSJONI SE TOĦROĠ MILL-KNISJA GĦAL XID-9:30AM.

Importanti li t-tfal jiġu għall-quddiesa, lesti bl-ilbies li użaw fl-Ewwel Tqarbina.

Il-purċissjoni se tgħaddi mit-triqat tas-soltu u għalhekk nistiednu lil min jista' biex iżejjen b'xi fjuri, pjanti, drappijiet u xemgħa. Fi Triq San Ġwann se tingħata l-Barka Sagramentali.

INFAKKRUKOM LI L-QUDDIESA TAL-9:45AM MHIX SE SSIR.

Infakkar lit-tfal u lill-ġenituri dak li għidtilhom dakinhar tal-Ewwel Tqarbina: Nemmnu bis-sħiħ li Ġesù jinsab fl-Ostja Mqaddsa; nirċievu lil Ġesù sikwit; meta Ġesù tana l-Ewkaristija huwa ħasel saqajn l-Appostli biex jgħallimna li rridu naqdu lil xulxin; jekk hemm bżonn qabel it-tqarbin nersaq nirċievi s-sagrament tal-maħfra.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**PURĊISSJONI TAL-KORPUS:** navżaw lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina u lill-ġenituri tagħhom li l-purċissjoni bis-sagrament se ssir f'dan il-Ħadd, 11 ta' Ġunju. Nitolbukom tiġu lebsin bil-libsa tal-ewwel tqarbina għall-quddiesa tat-8:30am. Dritt wara l-quddiesa toħroġ il-purċissjoni li fiha jimxu t-tfal tal-Ewwel Tqarbina. Il-purċissjoni ddum madwar siegħa. Il-purċissjoni hija mument sabiħ li fih nuru l-qima u nagħmlu l-adorazzjoni lil Ġesù għaddej mit-toroq tagħna. Għaldaqstant, f'dan il-Ħadd (11/6) il-quddiesa tal-9:45am ma ssirx.

**ŻJAJJAR FID-DJAR TAL-PARRUĊĊANI**: L-Isqof Anton talab lil xi lajċi impenjati minn Malta biex jagħmlu żjajjar fid-djar tagħna hawn f'Għawdex. Għan-Nadur hemm żewġ persuni, nisa kkonsagrati, li lesti jagħmlu żjajjar lil min jaċċetta. Kulma għandkom tagħmlu hu li tavżaw lil Marija Buttigieg, Segretarja tal-Kunsill Parrokkjali fuq 21551812. Nitolbukom tavżawha sal-20 ta' Ġunju li ġej.

Iż-żjajjar mhumiex biss għall-anzjani u l-morda imma wkoll għall-familji u individwi oħrajn.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am